



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.9.2007  
KUMM(2007) 526 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE skond il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006<sup>1</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, fil-limitu massimu annwali ta' biljun Euro, minbarra l-intestaturi rilevanti tal-perspettiva finanzjarja. Il-kundizzjonijiet ta' l-eliġibilità għall-Fond huma ppreżentati fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002<sup>2</sup>.

Fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna mill-Fond mill-Ġermanja u minn Franza (La Réunion) li kienu affettwati minn maltempata maġġuri f'Jannar u minn ċiklun tropikali fi Frar 2007 rispettivament, l-estimi totali tal-ħsara kkawżata huma kif ġej:

	<b>Ħsarat diretti</b>	<b>Ghajjnuna proposta</b>
Il-Ġermanja, maltempata Kyrill	4 687 300 000	166 905 985
Franza/La Réunion, ċiklun Gamède	211 600 000	5 290 000
<b>Total</b>	<b>4 898 900 000</b>	<b>172 195 985</b>

Fid-dawl ta' l-eżaminazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet<sup>3</sup>, u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien ma' l-ambitu ta' rijallokazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura li tirrikjedi nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 172 195 985, li għandu jkun allokat taħt l-intestatura 3b tal-qafas finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tippreżenta baġit ta' emenda (AB – *Amending budget*) sabiex jiddaħħlu fil-baġit ta' l-2007 appropriazzjonijiet speċifiċi għall-impenji u għall-ħlasijiet, imqassma skond il-pajjiż li jibbenefika, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni dwar applikazzjoni għal mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea magħmula mill-Ġermanja fil-każ ta' maltempata maġġuri f'Jannar 2007 u l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni dwar applikazzjonijiet għal mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea magħmula minn Franza (La Réunion) fil-każ ta' ċiklun tropikali fi Frar 2007 bl-analiżi tal-Kummissjoni dwar it-talbiet.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE skond il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba<sup>4</sup>, u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea<sup>5</sup>,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,<sup>6</sup>

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta b'diżastri.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' biljun Euro.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mmobilizzat,
- (4) il-Ġermanja u Franza ssottomettew applikazzjonijiet sabiex jimmobilizzaw il-Fond, fir-rigward ta' żewġ diżastri kkawżati minn maltemplata maġġuri u minn ċiklun tropikali rispettivament.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 172 195 985 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

---

<sup>4</sup> ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

<sup>6</sup> ĠU C [...], [...], p. [...]

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*